**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 4**

**It-Tlieta, 27 ta' Ġunju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4:49 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 3 li saret fit-3 ta' Mejju 2023, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

| | |
|---|---|
| Dok. 08 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat u d-*draft replies* proposti. |
| Dok. 09 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat fejn għadha ma bdiext id-diskussjoni jew għadhom pendenti. |

Peress li għal kumitat kien hemm żewġ persuni li qed jattendu, il-Kumitat qabel li jibda jiddiskuti l-petizzjonijiet tagħhom.

<u>Petizzjoni Nru 20:</u> <u>Human Rights Breach on my Behalf Ms Marilena (Micallef) Mazza –</u> Ms. Marilena Mazza għamlet l-intervent tagħha. F'nofs l-intervent, il-Kumitat ħass li peress li kien qed jiġi diskuss materjal personali, jgħaddi għal Kumitat fil-Kamra u transmissjoni tiġi temporanjament sospiża. Il-Kumitat qabel li jgħaddi l-court case numbers 376/2017 u 217/2022 lill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u l-court case 134/2019 lill-Ministeru għal Ġustizzja biex ikun jista' jsir follow up. Hekk kif ikun hemm tweġiba, tiġi infurmata l-petizzjonanta u l-kumitat jiltaqa' anke informali biex jiddiskuti.

Il-Kumitat reġa' beda jxandar il-laqgħa u għaddew għal Petizzjoni MP-3

<u>Petizzjoni MP-3: Onor. Justin Schembri – Skola ta' Ħal Lija – bini ta' LPG Storage Facility</u> – Is-Sur Gerald Fenech għamel l-intervent tiegħu favur il-proġett tal-LPG fiż-żona ta' Ħal Lija.

Il-Kumitat qabel li fil-laqgħa li jmiss, jiġu mistiedna l-persuni li għamlu l-petizzjoni biex ikunu jistgħu jiddiskutu aħjar u tintbagħat għar-rimarki. Qabel ukoll li parti mit-transcript fejn tkellem is-Sur Fenech tgħaddi lill-Onor. Justin Schembri biex ikun jista' jikkomunika ma' min għamel il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 1 – Avviż Legali biex jiċċara l-istatus legali tal-Cannabidiol (CBD) msemmi fl-Att tal-LXVI tal-2021 – Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba li ngħatat. L-Onor. Castillo insista li xorta ma kienx hemm ċarament mniżżel u spjegat il-punt ta' 0.2% THC. Però il-Kumitat qabel li jintbagħtu r-rimarki lill-petizzjonant u jekk il-petizzjonant ma jsibx oġġezzjoni, il-petizzjoni tkun ikkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 4 – Inġustizzja ma' pazjenti psikjatriċi – Il-Kumitat qara r-rimarki li ntbagħtu mill-Minister għas-Saħħa u qabel li r-rimarki jintbagħtu lill-petizzjonant u l-petizzjoni tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 5 – Reviżjoni tat-termini għal Dog Friendly Beaches; Il-Kumitat irċieva rimarka oħra mill-Ministeru għall-Agrikolutra, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u qabel li r-rimarki kollha għandhom jintbagħtu lill-petizzjonant u l-petizzjoni tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 6 – Reviżjoni tal-25% absence allowance taħt l-Iskema ta' Childcare b'xejn; Il-Kumitat għadu qiegħed jistenna risposta mingħand il-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol. Kien hemm qbil biex terġa' tintbagħat reminder għal risposta fuq din il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 7 – Tneħħija tal-Bandiera Russa li hemm fiċ-Ċentru tal-Belt Valletta; Il-Kumitat irċieva risposta fuq din il-petizzjoni mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ. Bi qbil, il-kumitat talab biex din tgħaddi għand il-petizzjonant u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 8 – Distruzzjoni ta' Kemmuna; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Minister u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder lis-Segretarju Permanenti.

Petizzjoni Nru 9 –To establish proper rules and regulations on P.C application for reasonable closure; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Minister u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder lis-Segretarju Permanenti.

Petizzjoni Nru 10 - Government Land – Site at Tal-Qortin, between Triq is-Sagħtar and Triq il-Miġbha Mellieħa; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder lis-Segretarju Permanenti.

Petizzjoni Nru 11 - Double Jeopardy rule of law is out the window , ne bis in idem A human rights violation; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder lis-Segretarju Permanenti.

Petizzjoni Nru 12 - Protecting Interests, Rights And Privileges Of Minority Groups; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder lis-Segretarju Permanenti.

Petizzjoni Nru 13 - Revision of the legality of heated tobacco products; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Minister u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder lis-Segretarju Permanenti.

Petizzjoni Nru 14 – Revision of High-Rise Permit fuq ix-Xemxija Ridge: L-Onor. Ivan Castillo rrimarka li mhemmx kjarifika jekk High Rises jistgħux isiru fuq ridges. Għalhekk il-Kumitat qed jitlob lill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar għal aktar informazzjoni kif ukoll jekk ix-xogħol għandux jieqaf sakemm ikun għaddej l-Appell (Jekk hemm appell fuq il-kwistjoni).

Petizzjoni Nru 15 – Erġgħu iftħu Skola Primarja fil-Lokalità tal-Imtarfa: L-Onor Azzopardi tkellem rigward l-importanza li jkun hemm skola primarja fl-Imtarfa u biex ma jkunx hemm skariġġ għat-tfal peress li bħalissa qed ikollhom imorru fl-iskola primarja tal-Imsida. Il-Kumitat qed jitlob lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni biex ikun jista' jagħti aktar informazzjoni ta' fejn u meta l-Imtarfa se jkollha skola primarja fil-lokalità.

Petizzjoni Nru 16 – Petizzjoni Demokratika u Leġittima kontra storbju f'Żoni Residenzjali: L-Onor. Ivan Castillo talab lill-kumitat biex isaqsi lill-Ministeru għall-Ġustizzja biex jara fejn waslet is-Sound Ordinance Act li kienet bdiet fit-13-il Leġiżlatura. Il-Kumitat se jitlob ukoll għar-rimarki tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riforma u l-Ugwaljanza minħabba Pulizija jekk għandhomx decible reader u x'awtorità għandhom il-Pulizija f'dan ir-rigward.

Petizzjoni Nru 17: Insalvaw il-Kultura u t-Tradizzjoni marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Belt Valletta: Il-Kumitat qabel li l-kumitat għandu jgħaddi din il-petizzjoni lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn tidħol kultura, lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà ir-Riforma u l-Ugwaljanza biex jirrimarkaw fuq x'azzjonijiet ta' sigurtà jistgħu jittieħdu u lill-Ministeru għat-Turiżmu biex l-MTA tirrimarka fuq armar ta' mwejjed u siġġijiet li hemm fil-kuntratti tal-ħwienet.

Għar-rigward tal-Petizzjonijiet Nru 18 u 19, peress li għadhom iridu jingħalqu, għad trid tibda d-diskussjoni fuqhom fil-laqgħa li jmiss.

Petizzjoni MP-2 – Onor. Jerome Caruana Cilia – Ħal Qormi – Triq il-Barrakki; Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat reminder biex tingħata rimarka lill-Kumitat

Fit-5:48 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**